

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/220/PESK**tal-15 ta' April 2014****li temenda d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK ⁽¹⁾ dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali).
- (2) Fit-18 ta' Frar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/87/PESK ⁽²⁾ dwar il-bidu tal-EUTM Mali.
- (3) Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rakkomanda li l-mandat tal-EUTM Mali jittawwal għal perijodu ta' sentejn, sat-18 ta' Mejju 2016.
- (4) Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-ispejjeż marbutin mal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2014 sat-18 ta' Mejju 2016.
- (5) Id-Deċiżjoni 2013/34/PESK għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/34/PESK hija emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2014 sat-18 ta' Mejju 2016 huwa ta' EUR 27 700 000. Il-persentaġġ tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni 2011/871/PESK huwa ta' 0 %."

2) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-EUTM Mali jasal fi tmiemu fit-18 ta' Mejju 2016."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' April 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/87/PESK tat-18 ta' Frar 2013 dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 46, 19.2.2013, p. 27).